


Parti kbira mill-grupp ta' pellegrini fil-pjazza tas-Santwarju ta' Fatima wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa internazzjonali

# Pellegrinaġġ Djoċesan f'Fatima u f'Santiago de Compostela

Mons Isqof Mario Grech mexxa pellegrinaġġ organizzat mid-djoċesi ta' Għawdex għas-Santwarju ta' Fatima, il-Portugall u għal Santiago de Compostela, Spanja fejn hemm meqjuma l-fdalijiet ta' San Ġakbu Appostlu. Il-pellegrinaġġ kien magħmul minn 141 pellegrin minn Malta u Għawdex. Fost il-pellegrini kien hemm ukoll 8 saċerdoti.

Tul il-waqfa tagħhom f'Fatima, Mons Isqof mexxa ċelebrazzjonijiet kemm fil-Kappella tad-Dehra kif ukoll mexxa l-purċissjonijiet tas-Ss.mu Sagrament u dik bl-istatwa tal-Madonna. Mument importanti tal-pellegrinaġġ kien il-Via Sagra f'Ajustrel, il-post fejn l-Anġlu deher lit-tfal ta' Fatima. Il-pellegrini żaru l-postijiet marbuta mad-dehriet u mat-tfulija tat-tlett itfal li raw il-Madonna, fosthom id-djar fejn kienu jgħixu. Ġewwa l-Portugall, barra mill-aspett spiritwali, il-pellegrini ttieħdu jaraw postijiet ta' interess kulturali, bħal Batalha, Alcobaca, Nazare', Santarem, Lisbona, Tomar, u Porto.

F'Santiago de Compostela fi Spanja Mons Isqof mexxa pontifikal fil-Katidral flimkien mal-Monsinjuri tal-istess Katidral, kif ukoll mexxa l-funzjoni tal-inċensazzjoni tradizzjonali li ssir f'dan il-post.



Dehra ġenerali tal-Orkestra fl-Oratorju Don Bosco flimkien ma' uħud mill-kantanti li ħadu sehem

# Kunċert Mużikali



Il-kantanta Marisa Galea mir-Rabat, Għawdex, waqt il-kunċert mużikali

Nhar is-Sibt 26 ta' Settembru fl-Oratorju Don Bosco, fir-Rabat, Għawdex, ittella' kunċert li ngħata l-isem ta' *What a Musical Evening*!

Fost il-biċċiet mużikali li ndaqqu kien hemm fost l-aktar *musicals* li għadhom jagħmlu suċċess fil-*West End* u *Broadway*.

L-orkestra, taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech kienet tikkonsisti f'ħamsin mużiċist kif ukoll ingħaqdu magħhom uħud mill-kantanti Għawdxin li qed jistabilixxu ruħhom f'dan il-qasam mużikali, fosthom Jacqueline Vella, Marisa Galea, Mario Portelli, Fabian Galea u Rob Ricards.



Mario Portelli mir-Rabat, Għawdex li ħa sehem ukoll fil-kunċert mużikali

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri






Beppe Attard (xellug) u Jeremy Paul Saliba waqt l-attività sabiex jiġu mgħejjuna dawk morda bil-kanċer. Minkejja l-età tagħhom dawn it-tfal ġa jemmnu illi għandhom jgħinu lil dawk fil-bżonn

# Jinġabru €1,452 għal Puttinu Cares

Grupp ta' voluntiera, fosthom tfal ta' bejn il-5 u l-15-il sena, li tellgħu attività fit-terminal tal-Mġarr, ġabru €1,452 għal *Puttinu Cares*, l-organizzazzjoni li tgħin u li tappoġġja lil tfal morda bil-kanċer.

Dan l-ammont inġabar minn bejgħ ta' kotba u rigali, kif ukoll minn lotterija fil-*marshalling area*, u li rebħet tliet persuni, f'*Acer netbook* offrut minn *DIX Computers* ta' Birkirkara u żewġ ikliet mill-*Grand Hotel* tal-Mġarr u mill-*Cornucopia Hotel* tax-Xagħra.

Din l-attività ma setgħetx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ tal-Kumpanija *Gozo Channel* u oħrajn.



Is-surmast direttur, u surmast tal-kor, Colin Attard waqt li kien għaddej bil-provi korali tal-Aurora Opera Chorus

# It-Teatru Aurora jipprepara biex jilqa' lil Aida

It-Teatru tal-Opra Aurora tal-Belt Victoria, jinsab impenjat bil-produzzjoni operistika grandjuża tal-Aida, għal nhar is-Sibt 10 t'Ottubru.

Is-surmast direttur, u surmast tal-kor, Colin Attard għadu kif spiċċa mill-provi korali tal-Aurora Opera Chorus li issa mal-wasla tar-reġista Taljana Novella Tabili beda il-provi tar-reġija fuq il-palk. Is-solisti ewlenin li għadhom kif waslu ser jingħaqdu ma' kor ta' 75 ruħ flimkien ma' 75 attur ieħor li se jkun qiegħed jieħu sehem fil-proċessjonijiet trijonfali u dak kollu li ġġib magħha din l-opra ta' Verdi.

It-Teatru Aurora qiegħed jerġa' jilqa' lil Aida bl-istorja u l-intriċċi tagħha wara għaxar snin, bl-istess entużjażmu u enerġija pożittiva li ilu jħaddem għal matul dawn l-aħħar 32 sena ta' opri. Din is-sena, iktar minn qatt qabel, il-kast internazzjonali mmexxi mid-dwett prinċipali, Franco Farina mill-Met Opera ta' New York, u Elena Zelenskaya mit-teatru Bolshoi ta' Moska, qiegħed joffri garanzija ta' spettaklu u prodott mużikali tal-aqwa kwalità.

Fl-istess waqt, għadu kif tlesta xogħol strutturali u tekniku fit-teatru, minn diversi voluntiera. Il-kostumi u l-aċċessorji din is-sena ġew mikrija mis-Sartoria Teatrale Pipi ta' Ruma.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***